

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (Euratom) 2016/829**tat-12 ta' Mejju 2016**

li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tal-2011, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja ma' ftehim iffirmit jew konkluż mill-Istati Membri u l-Unjoni ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali għandha tiġi miftiehma permezz ta' protokoll għal dak il-ftehim. Skont dak l-Artikolu, għal tali adeżjonijiet għandha tapplika proċedura simplifikata, li tipprevedi li għandu jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament fisem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat.
- (2) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati għall-adattament tal-ftehimiet iffirmati jew konklużi bejn l-Unjoni, jew l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, fid-dawl tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni.
- (3) In-negozjati ġew konklużi b'suċċess mar-Repubblika tat-Taġikistan permezz tal-inizjalar ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni ("il-Protokoll").
- (4) L-iffirmar u l-konklużjoni tal-Protokoll huma soġġetti għal proċedura separata fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha.
- (5) Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Protokoll għandha tiġi approvata fir-rigward ta' materji li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, fisem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, hija b'dan approvata ⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠUL 350, 29.12.2009, p. 3

⁽²⁾ It-test tal-Protokoll hu mehmuż mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jstabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2016.

Għall-Kunsill
Il-President
F. MOGHERINI
